**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **511/2024/1AD**

**GEORGE DOUGLAS BARBARO SANT (KI 152252M)**

**vs**

**AVUKAT TAL-ISTAT**

**U b'digriet tat-22 ta' Novembru 2024 ġiet kjamata in kawża MARIA BARBARO SANT**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa provvediment dwar talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja ossia *interim measure* magħmula permezz ta' rikors datat il-hdax (11) ta' Novembru 2024 (minn issa 'l quddiem ***ir-rikors odjern***), sabiex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' żgumbrament sakemm tiġi deċiża l-kawża fil-mertu;

**Preliminari u Fatti tal-Każ Odjern**

*Ir-Rikors Promotur*

2. Ir-rikorrenti u martu l-kjamata fil-kawża Maria Barbaro Sant, li lkoll għandhom tnejn u sebgħin (72) sena ilhom *de facto* separati għal dawn l-aħħar sentejn u hemm proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li jinsabu differiti għas-sitta (6) ta' Frar 2025 fir-rigward ta' allegat inċident ta' vjolenza domestika li seħħ fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 2022. F'dawn il-proċeduri l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Ġudikatura Kriminali waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2024 semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni fejn xehdet Maria Barbaro Sant u iben il-konjuġi Duncan Barbaro Sant u filwaqt illi laqgħet it-talba ta' George Douglas Barbaro Sant għal differiment *ex officio* ħarġet Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tar-rikorrent a favur l-kjamata fil-kawża Maria Barbaro Sant u binhom Duncan Barbaro Sant. Permezz ta' rikors b'urġenza datat l-erbgħa u għoxrin (24) t'Ottubru 2024, ir-rikorrent talab illi jiġi varjat l-Ordni ta' Protezzjoni u dan billi tirrevoka l-kundizzjoni illi huwa għandu jivvaka d-dar matrimonjali li tinsab ġewwa numru tmienja (8), Casa Barbaro, Triq Oliver Agius, H'Attard, sad-disgħa u għoxrin (29) t'Ottubru 2024, liema talba ġiet miċħuda mill-istess Qorti permezz ta' digriet kamerali mogħti fis-sitta (6) ta' Novembru 2024.[1]

3. Ir-rikorrent qiegħed ħsostni illi l-ordni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Ġudikatura Kriminali li huwa għandu jivvaka l-imsemmi fond tilledi d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu, tal-familja tiegħu u ta' daru, id-dritt ta' tgawdija paċifika tal-proprjetà tiegħu u d-dritt għal smigħ xieraq u jgħid illi tali ordni għall-iżgumbrament tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' Privatezza ai termini tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet

[1] A fol. 30 *et seq*. tal-proċess

Fundamentali tal-Bniedem u tal-Artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, vjolazzjoni tal-Proprjetà taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

*It-Talba għall-Ħruġ ta' Interim Measure*

4. Permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent jgħid illi huwa anzjan ta' tnejn u sebgħin (72) sena u spiċċa imkeċċi minn daru meta huwa u martu ilhom għal dawn l-aħħar sentejn "de facto" separati u martu saħansitra kienet telqet mid-dar matrimonjali li tinsab ġewwa 8, "Casa Barbaro", Triq Olivier Agius, Ħ'Attard u marret tgħix ġewwa "Fogiliu", Triq Sagra Familja, Bidnija. Huwa jsostni illi tali ordni ta' żgumbrament qegħda tikkawżalu instabilità kbira u dannu emozzjonali li ser ikun irreparabbli f'każ illi tali ordni jibqa' fis-seħħ tenut kont tal-età tiegħu u kif ukoll il-mard li jsofri minnu hekk kif iċċertifikat minn Dr. Sammut Domenici. Ir-rikorrent isostni illi ġjadarba l-konjuġi Barbaro Sant ilhom diġà sentejn jirresjedu separatament f'żewġ lokalitajiet diversi ma' kienx hemm il-bżonn illi apparti mill-kundizzjonijiet l-oħra msemmija fil-Protection Order maħruġ *ex officio* ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali a favur martu Maria Barbaro Sant u ibnu Duncan Barbaro Sant huwa jiġi wkoll ordnat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali [2] sabiex 'pendente lite' jallontana ruħu mid-dar konjugali b'mod illi ġie assoġġettat għal aktar ħsara psikologika[3]. Ir-rikorrent isostni illi l-akkużi li nħarġu fil-konfront tiegħu u ta' martu Maria Barbaro Sant jirreferu għal inċident wieħed iżolat u l-imputazzjonijiet huma kollha strettament ta' natura kontravenzjonali u mhumiex delitti kriminali u għalhekk <u>tali ordni ta' żgumbrament hija sproporzjonata.</u>

5. Għaldaqstant, permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

[2] Ara Ordni ta' Protezzjoni datat it-22 t'Ottubru 2024 a fol. 30 et seq tal-proċess
[3] Rikors a fol. 2 tal-proċess: *La darba l-partijiet jghixu f'residenzi separati u kulhadd huwa kuntent bl-istatus quo, ghalfejn hemm bzonn jitkecca mid-dar fejn jghix u jigi assoggettat ghal din il-hsara kollha?*

> *"tohrog ordni ad interim u tordna li jigu sospizi l-effetti ta' dik il-parti tad-digriet tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru 2024, fejn huwa gie ordnat jizgombra mill-fond 8, Casa Barbaro, Triq Oliver Agius, H'Attard moghtija fil-konfront ta' r-rikorrenti u dan sakemm jigu decizi finalment il-proceduri kostituzzjonali li qed jigu pprezentati kontestwalment ma' dan ir-rikors."*

<u>*Risposta tal-Avukat tal-Istat għar-Rikors Odjern*</u>

6. B'risposta għar-rikors odjern datata t-tmintax (18) ta' Novembru 2024, l-Avukat tal-Istat oġġezzjona għat-talba tar-rikorrent sabiex jingħata ordni *ad interim* minn din il-Qorti, u dan għas-segwenti raġunijiet:

    a. Mhijiex il-funzjoni ta' din il-Qorti illi ssir Qorti ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet u digrieti meħuda minn Qrati ordinarji;
    b. L-għoti ta' rimedju proviżorju m'għandux ikun ir-regola kull meta jkun hemm allegazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem;
    c. Jrid jiġi ppruvat b'mod ċar illi *prima facie* jeżisti ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u li hemm kwistjonijiet urġenti jew straordinarji u li ħa ssir ħsara rriparabbli fuq il-ħajja u l-persuna tagħhom u fil-każ in eżami ma jeżistux dawn l-elementi iżda għall-kuntrarju tali talba hija manifestament infondata;
    d. Ir-rikorrent kellu a dispożizzjoni tiegħu rimedji oħra fit-termini tal-liġi, liema rimedji għażel illi ma jipprevalixxix ruħu minnhom apparti mill-fatt illi seta' jressaq il-provi tiegħu fl-istess seduta iżda għazel illi ma' jagħmilx dan u talab għal differiment;
    e. Ma jistax jingħad li hemm xi riskju imminenti fuq il-ħajja ta' George Douglas Barbaro Sant jew li ser isseħħ xi ħsara irrimedjabbli;
    f. Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għadhom pendenti u l-Ordni ta' Protezzjoni hija biss provviżorja u mhux finali u għalhekk ir-rikorrent ma jistax jsostni illi ser jkun ppreġudikat b'mod irrimedjabbli;

g. Ġjaladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset, wara li semgħet il-provi, illi l-vittma (kjamata fil-kawża) kienet tinħtieġ protezzjoni m'għandiex tkun din il-Qorti li tneħħi din l-istess protezzjoni.

**Il-Qorti**

7. Wara illi rat l-atti tal-kawża odjerna;

8. Rat illi permezz ta' digriet mogħti waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2024 ġiet milqugħa t-talba magħmula mill-Avukat tal-Istat, mhux kkontestata mir-rikorrent, sabiex tiġi kjamata fil-kawża mart ir-rikorrent Maria Barbaro Sant li ngħatat għaxart ijiem żmien sabiex tippreżenta r-risposta tagħha[4];

9. Rat illi l-kjamata fil-kawża Maria Barbaro Sant, waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Diċembru 2024, iddikjarat illi hija qegħda tirrinunzja għad-dritt tagħha illi tippreżenta risposta[5];

10. Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent George Douglas Barbaro Sant waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2024[6];

11. Rat in-nota ppreżentata mill-Avukat tal-Istat waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Diċembru 2024 fejn ġiet eżebita kopja legali tal-atti proċesswali tal-kawża "Il-Pulizija vs George Douglas Barbaro Sant" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[7];

12. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar it-talba fir-rikors odjern waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Diċembru 2024;

[4] A fol. 19 tal-proċess
[5] A fol. 29 tal-proċess
[6] Traskrizzjoni a fol. 21 *et seq.* tal-proċess
[7] A fol. 30 *et seq.* tal-proċess

13. Rat illi l-kawża baqgħet differita għas-seduta tal-lum għal provvediment rigward it-talba għal *interim measure* magħmula permezz tar-rikors datat il-ħdax (11) ta' Novembru 2024;

14. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

15. Dak illi qiegħed jitlob ir-rikorrent permezz tar-rikors odjern huwa l-ogħti ta' ordni proviżjonali, jew, kif inhi magħrufa aħjar, *interim measure* jew miżura *ad interim*. Dwar is-setgħa ta' din il-Qorti sabiex tagħti ordni ta' din ix-xorta, ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Joseph Emanuel Ruggier et vs Joseph Oliver Ruggier pro et noe et***[8]:

> *Din il-Qorti hi tal-fehma li fi proċeduri kostituzzjonali fejn jiġi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali, kemm il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll din il-Qorti għandhom is-setgħa li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali [...] jagħtu dawk il-provvedimenti preventivi intiżi sabiex jiżguraw li sakemm tiġi determinata l-kawża kostituzzjonali, ma jsir xejn li jista' jnaqqas mis-setgħa ta' l-istess Qrati li jipprovdu rimedju adegwat u effettiv konformement ma' dak li jistabilixxu s-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjonijiet korrispondenti tal-Kap 319* [Art 4(1) u (2)].

16. Hekk ukoll ġie stabbilit mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Sherif Mohamed Shennawyh vs L-Avukat Ġenerali et***[9]:

[8] Appell Ċivili Nru 21/2005/1, Qorti Kostituzzjonali, 22 ta' Awwissu 2005
[9] Rik Nru 82/2018, Qorti Kostituzzjonali, 29 ta' Marzu 2019

> *14. Din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u tikkonsidra li hi ġustifikata għas-segwenti raġunijiet.*
>
> *15. L-ewwel Qorti tagħraf li s-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta għalkemm ma jipprovdux b'mod speċifiku għall-ħruġ ta' miżuri ad interim, jagħtu s-setgħa b'mod ġenerali lill-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali li "... tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna ...". Meħud in konsiderazzjoni l-imsemmija provvedimenti tal-liġi, l-insenjament ta' din il-Qorti għalhekk hu li Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali għandhom is-setgħa li joħorġu ordnijiet ta' natura temporanja.*

17. *Interim measures* fil-kuntest tad-drittijiet sanċiti mill-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, ġew imbagħad definiti bħala,

> *[U]rgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question.*[10]

18. Il-Qrati nostrana konsistentement applikaw l-ispirtu ta' din id-definizzjoni ta' miżuri *ad interim* saħansitra anke fil-każ ta' talbiet bħal dawk in eżami mressqa quddiem il-Qrati Maltin. Hekk per eżempju, ġie ritenut fis-

[10] *Factsheet* dwar *Interim Measures* maħruġa mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, Awwissu 2022 (https://www.echr.coe.int/documents/fs_interim_measures_eng.pdf)

sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et***[11]:

> *F'materja ta' l-hekk imsejħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel.* [Ara Q. Kost. ***Joseph Camilleri v. Avukat Ġenerali***, 1/7/2013 li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4 ediz. 2006, paġna 113)]*. Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali* [Ara Q. Kost. ***Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et***, 22/8/2005 #7, #11]. *Inoltre, tenut kont li talba għal "rimedju temporanju" taqa' biex tiġi konsidrata taħt l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 u 46(2) tal-Kostituzzjoni isegwi li l-proviso tal-istess subartikolu japplika wkoll għal dik it-talba* [Ara Q. Kost. ***Ryan Briffa v. Avukat Ġenerali***, 3/6/2013 #29] *u li għalhekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tista' tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess subartikoli f'kull każ fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur il-persuna skont xi liġi ordinarja.*

19. Jirriżulta għalhekk illi huwa prinċipju assodat f'ġurisprudenza tal-Qrati nostrana illi miżuri *ad interim* ma jiġux akkordati għalxejn jew b'kapriċċ, iżda jingħataw f'każijiet fejn ikun hemm periklu illi bil-prosegwiment naturali

[11] Appell Ċivili Nru 87/2013/1, Qorti Kostituzzjonali, 25 ta' Settembru 2014. Ara wkoll Rik Nru 45/2016, ***Angelo Frank Paul Spiteri***, Qorti Kostituzzjonali, 9 ta' Jannar 2017

tal-proċeduri, ser ikomplu jiġu ppreġudikati d-drittijiet fundamentali tal-persuna illi tkun qed tallega leżjoni tal-istess, b'dana illi ma jkunx jista' jingħata mill-Qorti illi tiddeċiedi dwar l-ilmenti proprja, fil-każ ta' leżjoni, rimedju illi jista' jitqies bħala adegwat u effettiv;

20. Huwa minnu illi allegazzjoni ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem hija possibilment waħda mill-aktar allegazzjonijiet serji illi l-Qorti tista' tiġi rinfaċċjata biha, u dan stante illi d-drittijiet fondamentali tal-bniedem huma sagrosanti, u, kif minnhom infushom magħrufa, **fondamentali**, ċjoè ta' importanza ċentrali sabiex jiġi assigurat għejxien dinjituż. Din il-Qorti, bħala Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali, hija l-Qorti illi għandha fuqha l-pressjoni u d-dover primarju illi tindaga, taċċerta ruħha u tikkonferma illi d-drittijiet fondamentali tal-bniedem qed jiġu rispettati mill-Istat, u tara illi fejn ikun hemm leżjoni l-bniedem jingħata dak illi jista' jiġi kkunsidrat rimedju adegwat u effettiv għal tali leżjoni, u mhux rimedju illi effettivament ma jkun rimedju xejn. Huwa għalhekk illi l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jimponi fuq din il-Qorti s-setgħa (u l-obbligu) sabiex, *inter alia*, *"tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna"*;

21. Madanakollu, dan ma jfissirx illi talba għal miżura *ad interim* għandha tintlaqa' *across the board*, indiskriminatament, jew b'mod leġġer, speċjalment fi stadju fejn hemm biss <u>allegazzjoni</u> ta' leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Li kieku kien hekk il-każ, ikun hemm il-potenzjalità ta' leżjoni ta' drittijiet fondamentali oħra (inkluż id-dritt għal ġustizzja effettiva fis-sens illi l-proċeduri ġudizzjarji ma jiħdux fit-tul) u/jew stultifikazzjoni bla bżonn tal-proċeduri. Difatti huwa għalhekk illi din il-Qorti tqis, hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq, u kif jirriżulta wkoll minn deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta, illi miżuri *ad interim* ma jiġux akkordati kapriċċjożament, iżda f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn l-ogħti ta' miżura *ad interim* hija l-unika mezz kif jista' jiġi assigurat illi s-sejbien ta' leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem ma tiġix aggravata bil-fatt illi tali leżjoni tkun tħalliet minn din il-Qorti tkompli sseħħ anke *pendente lite*, bil-konsegwenza illi rimedju effettiv ma jkunx jista' jingħata;

22. Tqum il-mistoqsija, iżda, dwar dak illi jikkostitwixxi *"eċċezjonalita' taċ-ċirkostanzi"* illi jippermettu talba għal miżura *ad interim* sabiex tiġi milqugħa. Anke jekk inhuwa insenjament mogħti fil-qafas tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, huwa relevanti (u ġie wkoll applikat u ċitat b'approvazzjoni mill-Qrati nostrana) dak illi ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Mamatkulov and Askarov v. Turkey***[12]:

> *104. Interim measures have been indicated only in limited spheres. Although it does receive a number of requests for interim measures, in practice the Court applies Rule 39 only if* ***there is an imminent risk of irreparable damage****. While there is no specific provision in the Convention concerning the domains in which Rule 39 will apply, requests for its application usually concern the right to life (Article 2), the right not to be subjected to torture or inhuman treatment (Article 3) and, exceptionally, the right to respect for private and family life (Article 8) or other rights guaranteed by the Convention. The vast majority of cases in which interim measures have been indicated concern deportation and extradition proceedings.*
>
> *[...]*
>
> *108. In cases such as the present one where there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment by the applicant of one of the core rights under the Convention, the object of an interim measure is to maintain the status quo pending the Court's determination of the justification for the measure. As such, being intended to ensure the continued existence of the matter that is the*

[12] Appl Nr 46827/99 and 46951/99, European Court of Human Rights (Grand Chamber), Reports of Judgements and Decisions 2005-I, 4 February 2005 **(emfasi ta' din il-Qorti).** Ara wkoll ***Shamayev and Others v. Georgia and Russia***, Appl Nr 36378/02, European Court of Human Rights (Second Section), Reports of Judgements and Decisions 2005-III, 12 April 2005, § 473

*subject of the application, the interim measure goes to the substance of the Convention complaint. As far as the applicant is concerned, the result that he or she wishes to achieve through the application is* ***the preservation of the asserted Convention right before irreparable damage is done to it****. Consequently, the interim measure is sought by the applicant, and granted by the Court, in order to facilitate the "effective exercise" of the right of individual petition under Article 34 of the Convention in the sense of preserving the subject matter of the application when that is judged to be at risk of irreparable damage through the acts or omissions of the respondent State.*

23. Hekk kif tispjega din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et***[13], il-prinċipji enunċjati mill-Qorti ta' Strasburgu ġew applikati wkoll mill-Qrati Maltin, u, xi drabi, estiżi, b'tali mod illi kien hemm istanzi fejn il-Qrati Maltin taw rimedji anke f'sitwazzjonijiet illi fihom il-Qorti ta' Strasburgu ċaħad it-talba għal miżura proviżjonali. B'referenza għal numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati nostrana matul is-snin, ġew identifikati f'din is-sentenza ħames (5) elementi illi jistgħu jiġu llum konsidrati bħala *"għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures"*, liema elementi jfakkru u jirriflettu anke dawk l-elementi identifikati f'***Mamatkulov*** suċitata:

1. *"Ir-rimedju jingħata biss meta* ***ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent****"*;

2. *"Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ* ***prima facie ta' ksur*** *ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi* ***sitwazzjoni ipotetika*** *jew li* ***mhix ċerta li sseħħ****"*;

[13] Rik Nru 227/2019, Prim'Awla (Qorti Ċivili), Onor Imħ Grazio Mercieca, 16 ta' Ġunju 2020. Għalkemm il-mertu kien divers minn dak odjern, il-prinċipji legali sottolineati mill-Qorti għandhom ukoll applikazzjoni għall-mertu tal-każ odjern.

3. *"Tkun sejra sseħħ **ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura** għall-**interessi vitali** tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel. Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss **eċċezzjonalment** f'każijiet ta' "**urġenza estrema**"."*;

4. *"L-eżistenza ta' **riskju imminenti**, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. Sabiex ikun hemm lok għat-teħid ta' interim measure il-ħsara mhedda jeħtieġ li tkun **mhux biss irreparabbli iżda wkoll imminenti** għaliex altrimenti ma jistax jingħad li hemm dik l-urġenza li tiskatta l-ħtieġa għat-teħid tal-miżura eċċezzjonali msemmija"*;

5. *"**Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali**"*;

24. Finalment, din il-Qorti tagħmilha ċara illi l-eżami illi sejra tagħmel rigward dan l-Artikolu, kemm jekk tintlaqa' t-talba odjerna u kemm jekk ma tiġix milqugħa, bl-ebda mod mhu ser jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża proprja. F'każ illi t-talba tiġi miċħuda, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jinstemgħu l-provi u l-argumenti kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u, bl-istess mod, il-fatt illi talba tiġi milqugħa issa lanqas ifisser illi t-talbiet fil-mertu sejrin awtomatikament bilfors jirnexxu. Dan hekk kif ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et***[14]:

> *Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li*

[14] Rik Nru 50/2013, Prim'Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), Onor Imħ Joseph R Micallef, 2 ta' Ġunju 2014

*tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha;*

25. Applikati dawn il-prinċipji legali għall-mertu tal-każ odjern, din il-Qorti mhix tal-fehma illi ġew sodisfatti l-elementi rikjesti sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja;

26. Fl-ewwel lok, jirriżulta lil din il-Qorti fuq bażi *prima facie*, illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma ħaditx id-deċiżjoni illi *ex officio* tornda l-ħruġ ta' Protection Order inkluż l-iżgumbrament tar-rikorrent mid-dar matrimonjali b'mod arbitrarju. Jirriżulta mill-atti proċesswali ppreżentati mill-Avukat tal-Istat, permezz ta' nota waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Diċembru 2024, illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali semgħet lill-*parte civile*, ossija lill-kjamata fil-kawża Maria Barbaro Sant u lil Duncan Barbaro Sant, rat ir-rapporti u *risk assessment* maħruġa mill-Aġenzija Appoġġ qabel ma waslet għad-deċiżjoni. Ir-rikorrent sussegwentement ippreżenta rikors għar-revoka ta' tali ordni ta' żgumbrament permezz ta' rikors b'urġenza datat l-erbgħa u għoxrin (24) t'Ottubru 2024. Filwaqt illi huwa minnu illi din it-talba ġiet ukoll miċħuda, din il-Qorti ma tistax ma tikkonsidrax il-fatt illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kuntrarjament għal din il-Qorti, kellha quddiemha l-fatti kollha tal-każ bejn il-partijiet fir-rigward tal-allegat vjolenza domestika subita mill-*parte civile*, setgħet ukoll tosserva l-komportament tal-partijiet matul is-seduta (tant hu hekk illi waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2024 ir-rikorrent ġie mmultat is-somma ta' mitejn Ewro (€200) bħala disprezz stante illi huwa kien oġġezzjona għall-ħruġ tal-Ordni ta' Protezzjoni u "***nforma lill-Qorti li jekk ghandha tohorgu mid-dar, trid taghmel dan b'arrest***", liema multa ta' disprezz kienet ġiet revokata mill-istess Qorti wara li r-rikorrent

apoloġizza[15]), fatt illi aktar u aktar ikompli jsaħħaħ it-teżi ta' din il-Qorti illi, fuq bażi *prima facie*, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ħadet deċiżjoni illi kienet meqjusa u meritata fiċ-ċirkostanzi. Din il-Qorti taqbel ma dak li ġie sottomess mill-Avukat tal-Istat, fir-risposta tiegħu għal dan ir-rikors odjern, u ma tarax illi għandha tapplika miżura eċċezzjonali bħalma hija dik mitluba għall-każ odjern meta r-rikorrent ma ħassx il-bżonn illi jipproduċi x-xhieda tiegħu dakinhar tas-seduta iżda talab differiment meta tali proċeduri huma ta' natura sommarja[16].

27. In oltre, mix-xhieda mogħtija mir-rikorrent stess waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2024, wara li ġie ordnat sabiex jiżgombra mid-dar matrimonjali, liema proprjetà nxtrat mill-konjuġi Barbaro Sant matul iż-żwieġ, huwa mar jgħix f'appartament, li jinsab il-Birgu, liema appartament ukoll jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti u kienet l-istess kjamata fil-kawża illi vverbalizzat waqt is-seduta miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2024 illi hija ma ssib l-ebda oġġezzjoni illi r-rikorrent jirrisjedi fl-imsemmi fond "*Mary Barbaro Sant tiddikjara illi hija m'ghandha l-ebda diffikulta' illi l-imputat, in vista tal-ordni, jabita f'proprjeta' ohra li l-partijiet ghandhom u cioe' fl-indirizz Apartment 141, Blokk 1, Kottonera Waterfront, Birgu*[17]." Ir-rikorrent fix-xhieda tiegħu jsemmi n-nuqqasijiet li fih dan l-appartament, ossija ċ-ċokon, skumdita u nuqqas ta' manutenzjoni. Illi però d-dar matrimonjali, li minnha ġie ordnat jiżgombra wkoll jidher illi għandha bżonn ħafna manutenzjoni. Huwa xehed: " *Id-dar inbniet fis-sixties jigifieri għandha bżonn ħafna maintenance, xi tlett ġimgħat ilu kien ser jaqa' s-saqaf u ġibt il-perit, imbagħad sifirt jien, kellhom jagħmlu struttura kollha ġdida biex ma jaqax is-saqaf, Il-pool qegħda tillikja, kuljum nieħu ħsieb l-ilma ma jitlax iktar minn ċertu għax jista' joħloq periklu għalina u għan-*

[15] Ara verbal tas-seduta datata t-22 t'Ottubru 2024 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) a fol. 40 et seq tal-proċess

[16] Ara verbal tas-seduta tat-22 t'Ottubru 2024 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Ġudikatura Kriminali "*Id-difiza titlob differiment sabiex l-imputat jixhed fis-seduta li jmiss u wkoll sabiex jiddeponu bhala xhieda in difeza Charles Zahra u Elisa Barbaro Sant*."

[17] A fol. 42 tal-proċess

*neighbours ukoll*.[18]". Jirriżulta għalhekk illi r-rikorrent għandu post alternattiv fejn jirresjedi *pendente lite* u hekk kif ġustament argumenta l-Avukat tal-Istat waqt it-trattazzjoni fis-seduta tal-għaxra (10) ta' Diċembru 2024 *"x'hin appena smajna illi dan ghandu residenza alternattiva li setgha jmur u hija tieghu jigifieri m'ghandux xkiel ma nafx kif nistghu nghidu li dan ser isofri pregudizzju rrimedjabbli."*

28. Il-verżjoni tal-kjamata fil-kawża Maria Barbaro Sant fir-rigward tal-istat ta' dan l-appartament ġewwa l-Birgu li r-rikorrent mar jirresjedi fih wara l-ħruġ tal-Protection Order hija totalment opposta. Waqt it-trattazzjoni l-Avukat tal-kjamata fil-kawża jsostni illi assolutament mhuwiex minnu li dan il-fond huwa malandat iżda għal kuntrarju jissottometti illi dan l-appartament jinsab fil-Birgu Waterfront, bil-gallarija li tagħti għal fuq il-marina u kien jinkera mill-partijiet għal elfejn Ewro (€2,000) fix-xahar, "*kulħadd jista' jikkonkludi li qiegħed fi stat tajjeb u tajjeb ħafna, b'hekk iġib il-kirja u dejjem kien jinkera għal elfejn ewro fix-xahar. Mela x'inhu l-preġudizzju?"*

29. Din il-Qorti tinnota wkoll illi għalkemm ir-rikorrent xehed illi ħafna mill-manutenzjoni tad-dar matrimonjali kienet f'idejh huwa jżid jgħid ukoll "*mhux qed ngħid li nagħmel kollox jiena ta*'"[19] – ċertament illi l-ħsarat sostanzjali li jsemmi fix-xhieda tiegħu r-rikorrent ma jistax jagħmilhom hu waħdu iżda jrid iqabbad lil terzi, bħal ħsarat li jsemmi fix-xhieda tiegħu fis-soqfa u fil-pool. In oltre din il-Qorti hija tal-fehma illi l-presenza tiegħu fid-dar matrimonjali mhijiex rikjesta anzi għal kuntrarju jkun jagħmel aktar sens illi jallarga mill-fond sakemm ssir tali manutenzjoni straordinarja kemm minħabba l-età tiegħu u kif ukoll jekk kif qiegħed isostni huwa jsofri minn xi marda.

30. Mill-banda l-oħra jirriżulta illi l-kjamata fil-kawża Maria Barbaro Sant ilha sentejn tirresjedi fi proprjetà ta' binthom[20] u ġie vverbalizzat in oltre mill-Avukat li jippatroċinjaha, waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Diċembru 2024,

[18] Traskrizzjoni a fol. 21 *et seq* tal-proċess
[19] Traskrizzjoni a fol. 22 tal-proċess
[20] Ir-rikorrent in kontro-eżami a fol. 24 jikkonferma dan l-istat ta' fatt

illi hija xorta waħda m'għandiex aċċess għal dan il-fond in kwistjoni għaliex xi ħadd allegatament **biddel is-serratura wara l-ħruġ tal-Protection Order** u jagħmel referenza għar-rapport mal-pulizija bin-numru 9/POL/8830/2024. B'risposta għal dan l-Avukat tar-rikorrenti vverbalizza illi mhuwiex minnu illi r-rikorrent biddel is-sistema tal-locks iżda li għamel huwa li beda jsakkar id-dar anke minn ġewwa ai finijiet ta' sikurezza. Anke jekk għas-saħħa tal-argument ir-rikorrent verament ma biddilx is-serratura din il-Qorti tqis illi l-fatt illi r-rikorrent sakkar minn ġewwa wkoll qiegħed jinibixxi lill-martu u familjari tiegħu milli jaċċedu għall-fond in kwistjoni.

31. Fl-ewwel lok, ġialadarba għadha ma nġabet l-ebda prova, la quddiem din il-Qorti, u lanqas quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, illi l-allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika m'humiex minnhom, din il-Qorti ma tqisx illi qed jinkiser xi jedd *prima facie* tar-rikorrent per konsewgenza tal-ordni ta' żgumbrament;

32. L-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tar-rikorrent huma allegazzjonijiet serji u gravi illi ma jistgħux ħlief ipoġġu lill-Qorti f'pożizzjoni fejn hija għandha tqis fuq bilanċ il-ħsara irrimedjabbli illi tista' tiġi kkawżata jekk tordna l-ħruġ tal-miżura provviżorja, u l-ħsara irrimedjabbli illi tista' tiġi kkawżata jekk ma tagħmilx dan[21]. Ir-rikorrent jargumenta illi jekk huwa ma jithalliex jirresjedi fid-dar matrimonjali (skont hu bħala rizultat ta' pika da parte ta' martu l-kjamata fil-kawża) ser issir ħsara irreparabbli fuq il-proprjetà minħabba l-gravità tal-ħsarat. Anke jekk dan huwa minnu kwalunkwe ħsara fil-proprjetà ser tiġi sofferta mhux minnu biss iżda minn martu wkoll peress illi din il-proprjetà mhijiex proprjetà parafernali tiegħu iżda hija proprjetà li tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. M'hemmx dubju illi l-ħsara illi tista' tirriżulta fil-każ illi jiġi ordnat il-ħruġ tal-miżura provviżorja hija ferm aktar riskjuża u rrimedjabbli mis-sitwazzjoni illi jsib ruħu r-rikorrent

[21] Ara *r-risk assessment report* maħruġ mill-Aġenzija Appoġġ datat it-22 ta' Diċembru 2022 anness man-nota ppreżentata mill-Avukat tal-Istat fl-10 ta' Diċembru 2024 a fol. 30 et seq tal-proċess:
***Risk assessment scored at 8 – standard risk, with the following risk factors being identified:***
***Perception of risk of harm; Recent Separation, Coercive control and excessive jealousy, Credible threats to kill, Strangulation attempt***

fil-każ illi t-talba tiegħu odjerna ma tintlaqax. Għaldaqstant, lanqas tista' tikkonsidra din il-Qorti illi ġie sodisfatt l-element ta' ħsara irrimedjabbli;

33. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi ma jeżistux l-estremi rikjesti mil-liġi u ġurisprudenza kostanti sabiex tingħata ordni *ad interim*, b'mod partikolari tenut kont taċ-ċirkostanzi sensittivi tal-każ odjern. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **<u>tiċħad</u>** it-talba magħmula permezz tar-rikors odjern.

**Decide**

34. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tiċħad</u>** it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' miżura proviżorja ossia *interim measure*, sabiex tissospendi l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' żgumbrament, kif magħmula permezz ta' rikors datat il-hdax (11) ta' Novembru 2024.

Bl-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Deputat Reġistratur**